ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# <u>Minuti tal-30 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's</u>

It-Tletin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar it-Tlieta, 28 ta' Awwissu, 2012. Il-laqgħa bdiet fis-6.25 ta' filgħaxija.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu l-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews, is-Sur Luciano Farrugia u s-Sur Joe Agius.

Iċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista u s-Sur Mario Bartolo. kien skużati.

<u>Item 2- Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Il-minuti tal-29 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia.

<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>

Is-Sur Farrugia staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta dwar l-iskema ta' għajnuna tal-*playing fields*. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv wieġbet li waqt laqgħa li attendiet dwar spezzjonijiet tal-*playing fields* intqal li din l-iskema kienet għada pendenti.

<u>Item 4 – Korrisponenza</u>

Ma kienx hemm korrispondenza.

<u>Item 5 – Xogħol tal-Kumitat</u>

<u>Aġġudikazzjoni ta' offerti għal xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq il-Marżebb ZLC 4/2012</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet rapport mibgħut mill-perit William Lewis dwar il-prezzijiet stabiliti minn *Transport Malta* biex isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni ta' toroq u l-prezzijiet li qed jitolbu l-kuntratturi biex isir l-istess xogħol ta' manutenzjoni. Fit-tabella mibgħuta mil-perit jidher li l-kuntratturi qed jitolbu kwazi d-doppju tar-rati stabiliti minn *Transport Malta.*

Is-Sur Clews ippropona li dawn l-offerti ma setgħux jiġu milqugħa peress li l-Kumitat ma kellhux fondi bizzejjed. Is-Sur Farrugia ssekonda l-proposta tas-Sur Clews u l-Kumitat qabel unanimament ma din il-proposta.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat li kellha tinħareġ sejħa ġdida tal-offerti sabiex isir ix-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq il-Marzebb.

Is-Sur Norman Clews qal li bil-finanzi limitati li għandu l-Kumitat ma kienx possibli li jagħmel dan ix-xogħol bir-rati li qed jitolbu l-kuntratturi. Għalhekk ppropona li qabel ma terġa tinħareġ sejħa ġdida tal-offerti tintbgħat ittra lid-Direttur għall-Gvern Lokali fejn tintalab għajnuna finanzjarja għad-differenza li qed tiġi mitluba mill-kuntratturi. Is-Sur Farrugia ssekonda l-proposta tas-Sur Clews u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta

Is-Sur Farrugia talab li tintbgħat ukoll ittra lir-residenti sabiex jiġu nfurmati b'dan.

<u>Item 6 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sur Farrugia talab sabiex tinzabar is-siġra tat-tin li hemm fi Triq l-Għakrux ma' Triq ix-Xgħajra.

Is-Sur Clews semma l-bżonn li jsir *patching* fi Triq il-Werzieq.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata De Noto
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-31 laqgħa li saret nhar it-Tlieta, 18 ta' Settembru 2012.

Norman Clews
Viċi Chairperson